



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

---

**2014/2153(INI)**

18.3.2015

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar l-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà tal-Enerġija  
(2014/2153(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Filiz Hyusmenova

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-UE ma taffordjax frammentazzjoni kontinwa tas-suq intern tal-enerġija; jitlob, għaldaqstant, għall-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas regolatorju eżistenti (it-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija), biżżejjed interkonnessjonijiet tal-enerġija bejn l-Istati Membri u l-modernizzazzjoni tal-grilji; jemmen, barra minn hekk, li l-objettiv ewlieni tal-istrateġija għas-sigurtà tal-enerġija tal-UE jrid ikun li jiġi żgurat li l-ebda Stat Membru, jew l-UE b'mod kollettiv, ma jkunu vulnerabbli żżejjed għal interruzzjoni minn fornitur wieħed tal-enerġija; jenfasizza li politika għas-sigurtà tal-enerġija hija magħmula minn diversi elementi, bi preparazzjoni mtejba għall-interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi u bl-infrastruttura ġdida tkun importanti daqs, u żviluppata b'mod li taqbel mal-ambizzjonijiet għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli, l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gass serra;
2. Jisħaq fuq l-impatt pożittiv li l-integrazzjoni tas-suq kellha fuq il-prezzijiet bl-ingrossa u fl-aħħar mill-aħħar fuq il-prezzijiet bl-imnut fis-settur tal-elettriku, li ppermettew li tkun disponibbli għaċ-ċittadini enerġija aktar affordabbli, u jfakkar li l-benefiċċju ekonomiku nett potenzjali li jista' jnkiseb mit-tlestija tas-suq intern għall-enerġija huwa bejn EUR 16-il biljun u EUR 40 biljun fis-sena;
3. Jemmen li l-politika tal-enerġija tal-UE għandha tfittex li tindirizza l-prezzijiet mhux kompetittivi tal-enerġija, li aggrawaw il-kriżi ekonomika u dgħajfu l-kompetittività industrijali Ewropea u li qegħdin jaffettwaw is-sigurtà tal-enerġija ġenerali taċ-ċittadini tagħna;
4. Jisħaq fuq l-importanza li l-Istati Membri jallokaw riżorsi adegwati għas-sorveljanza tas-suq tal-effiċjenza enerġetika tal-prodotti, sabiex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għall-industrija filwaqt li jipprovdu lill-konsumaturi bl-aktar informazzjoni utli u l-għodod adatti li għandhom bżonn biex jagħmlu għażliet infurmati, jagħrfu u jnaqqsu l-konsum tagħhom tal-enerġija;
5. Jindika li, skont l-aħħar edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur, is-suq tal-elettriku huwa wieħed mill-aktar erba' swieq li ma jiffunzjonawx sew; jisħaq fuq l-importanza ta' azzjoni li ttejjeb il-provvista ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar id-disaggregazzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija u dwar miżuri tal-effiċjenza enerġetika li jippermettulhom ikunu involuti b'mod attiv fir-regolamentazzjoni tal-użu tagħhom tal-enerġija, inkluża l-għażla li jibdlu l-fornitur tagħhom b'mod sempliċi;
6. Ifakkar fil-pożizzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-iffissar ta' miri ambizzjużi dwar l-effiċjenza enerġetika u dwar l-importanza li titħaffef l-implimentazzjoni ta' miżuri mmirati lejn il-kisba ta' dawn l-objettivi; jenfasizza li miżuri tal-effiċjenza enerġetika fil-livell Ewropew huma tal-akbar importanza sabiex jiggarrantixxu l-indipendenza enerġetika tal-UE filwaqt li jiżguraw tkabbir sostenibbli, l-iżvilupp tat-taħriġ, il-ħolqien tal-impjiegi u t-

tisħiħ tal-benessri ekonomiku tan-negozji, speċjalment l-SMEs, u jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta għall-ħolqien ta' Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi; jitlob, f'dan il-kuntest, għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fir-rigward ta' bini;

7. Jenfasizza li setturi importanti jistgħu jibbenefikaw minn miżuri ta' effiċjenza enerġetika meħuda fil-livell tal-UE u dak nazzjonali; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu l-użu effiċjenti tal-enerġija u biex jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet offruti taħt id-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku li jippromwovu valutazzjoni abbażi ta' kriterji ta' innovazzjoni u ambjentali bil-ħsieb li bini u prodotti effiċjenti fl-użu tal-enerġija jsiru n-norma; jenfasizza fuq l-importanza li l-konsumaturi jirċievu informazzjoni preċiża u sempliċi dwar l-effiċjenza enerġetika ta' dawk il-prodotti; hu tal-fehma li aktar kontribuzzjonijiet lill-politika dwar l-effiċjenza enerġetika jistgħu jsiru permezz tat-titjib u l-iżvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni dwar it-tikkettar tal-enerġija u l-ekodisinn;
8. Jisħaq fuq il-valur miżjud tal-integrazzjoni tal-ICT fis-sistemi tal-enerġija sabiex tiżdied kemm jista' jkun l-effiċjenza enerġetika, tiġi moderata d-domanda, jitnaqqsu l-prezzijiet għall-konsumaturi u jagħtuhom is-setgħa biex jimmaniġjaw aħjar l-użu tal-enerġija tagħhom; jitlob lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jimplementaw kampanji fit-tul li jqajmu l-kuxjenza pubblika dwar id-diversi modi kif jitnaqqas il-konsum tal-enerġija; jenfasizza l-importanza ta' politiki tal-effiċjenza enerġetika ambizzjużi għas-settur residenzjali sabiex titħaffef ir-rata ta' rinnovazzjoni tal-bini u jittejbu s-sistemi ta' tisħin distrettwali;
9. Ifakkar li huwa meħtieġ li jissaħħaħ l-istat ta' tħejjija tal-UE u l-kapaċità li twieġeb b'mod effettiv għal kriżijiet potenzjali fil-provvista tal-gass; jisħaq fuq l-importanza tal-konsultazzjonijiet mibdija mill-Kummissjoni fil-15 ta' Jannar 2015 bil-għan li jiġu identifikati oqsma fejn titjib lir-regoli attwali tal-UE huwa meħtieġ sabiex tiġi garantita s-sigurtà tal-provvisti tal-gass; jinnota li hemm hteġa għal kooperazzjoni u koordinazzjoni aħjar u aktar profonda bejn l-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà tal-enerġija;
10. Jenfasizza li l-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli se jkollu impatt ambjentali u ekonomiku pożittiv, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għall-indipendenza enerġetika tal-UE; jenfasizza l-hteġa li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-enerġija rinnovabbli, inter alia fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, u sabiex jiġu żviluppati grilji intelliġenti u soluzzjonijiet ġodda għall-ħżin tal-enerġija; jenfasizza li, minħabba li t-teknoloġija hija element essenzjali biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija, huwa ta' importanza vitali li jiġu appoġġjati proġetti innovattivi li jiffukaw fuq l-enerġija rinnovabbli u nadifa; jappella biex il-finanzjament ta' "enerġija sikura, nadifa u effiċjenti", kif indikat fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 291/2013 fl-Anness II, ikun protett, peress li jippermetti lill-UE ssir l-ewwel fid-dinja fejn tidħol enerġija rinnovabbli u nadifa; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw stabbiltà regolatorja għall-enerġiji rinnovabbli u jiżguraw li l-investimenti jsiru f'konformità mal-oġettivi tal-enerġija tal-UE, billi jiġu provduti kundizzjonijiet ekwi Ewropej;
11. Jitlob biex tingħata aktar attenzjoni lis-suq emerġenti għas-servizzi tal-enerġija (inklużi l-ikkuntrattar għall-prestazzjoni tal-enerġija u l-ftehimiet tas-servizzi tal-enerġija); jisħaq fuq l-importanza li jiġu żviluppati standards għal kull element fil-proċess tal-investment tal-effiċjenza enerġetika; jitlob għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, speċjalment fil-

bini; jisħaq li setturi importanti bħat-turiżmu jistgħu jibbenefikaw minn miżuri ta' effiċjenza enerġetika meħuda fil-livell tal-UE u dak nazzjonali; jenfasizza li politiki u miżuri kkoordinati u ambizzjużi tal-effiċjenza enerġetika għas-settur residenzjali huma soluzzjoni stabbli, strateġika u għal żmien twil għall-faqar enerġetiku;

12. Ifakkar lill-Istati Membri dwar l-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà tal-Enerġija li għet imfassla dan l-aħħar u, f'dan ir-rigward, jappellalhom sabiex iżidu l-appoġġ finanzjarju pubbliku u regolatorju sabiex iħaffu r-rata ta' rinnovazzjoni tal-bini u t-titjib u/jew l-introduzzjoni tas-sistemi ta' tisħin distrettwali;
13. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lir-reġjuni jallokaw fondi għall-iżvilupp tat-teknoloġiji maħsuba għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju;
14. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) biex jitfegħu aktar enfasi fuq il-ġlieda kontra l-problema tat-tnaqqis ta' trażmissjoni mal-fruntieri nazzjonali; jinnota li jista' jkun hemm tfaddil ekwivalenti għal EUR 15-il biljun fis-sena (10 % tal-prezz tal-gass bl-ingrossa) jekk jiġu indirizzati xi imperfezzjonijiet eżistenti fis-suq li jippermettu differenzi fil-prezz li mhumiex kompetittivi bejn l-Istati Membri; jemmen li hu meħtieġ rwol aktar b'saħħtu tal-ACER għal suq intern tal-enerġija li jiffunzjona tajjeb peress li dan jeħtieġ kemm l-iżvilupp sinifikanti tal-infrastruttura u l-interkonnetturi li jippermettu l-kummerċ transfruntier kif ukoll l-infurzar rigoruż tar-regoli eżistenti ta' allokkazzjoni tal-kapaċità; jitlob li jiżiedu l-isforzi għal interkonnessioni transkonfinali aħjar u l-iżvilupp tal-grilji intelliġenti; jiddispaċiħ li xi Stati Membri għadhom fi "gżira tal-enerġija" bħala riżultat ta' nuqqas ta' konnessjonijiet tal-enerġija mal-bqija tal-UE u li f'ċerti reġjuni tal-UE, ammonti dejjem jiżiedu ta' enerġija rinovabbli intermittenti ma jistgħux jiġu ttrasportati lill-konsumaturi minħabba nuqqas ta' infrastruttura suffiċjenti;
15. Jenfasizza li l-ipprezzar tal-enerġija rregolat huwa ta' ħsara għall-kompetizzjoni u l-investment, u li l-eliminazzjoni tiegħu hija prekundizzjoni biex jinkiseb suq tal-enerġija li jiffunzjona sew;
16. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex timplimenta l-miżuri (kif stabbilit fit-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija) maħsuba biex jiżguraw li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt li jagħżlu fornitur tal-enerġija; jenfasizza li l-eżerċizzju ta' dan id-dritt mhuwiex biss ta' importanza sinifikanti għall-konsumaturi, iżda jkompli jstimola wkoll is-swieq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-enerġija;
17. Jemmen li skema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet imtejba u aktar robusta għandha tiżgura li l-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi fit-tul tal-UE tal-enerġija u tal-klima jinkisbu; jenfasizza li l-miżuri maħsuba biex isaħħu l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għandhom jissalvagwardjaw il-kompetittività tal-industrija li tuża ħafna enerġija bil-għan li jiġu evitati r-rilokazzjoni tal-impriżi, it-telf tal-impjeggi u l-eżodu ta' imħuħ barra mill-Unjoni Ewropea.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	17.3.2015
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 32 -: 5 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Dita Charanzová, Carlos Coelho, Sergio Gaetano Cofferati, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, Daniel Dalton, Dennis de Jong, Pascal Durand, Vicky Ford, Ildikó Gáll-Pelcz, Antanas Guoga, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Liisa Jaakonsaari, Antonio López-Istúriz White, Jiří Maštálka, Eva Paunova, Jiří Pospíšil, Virginie Rozière, Christel Schaldemose, Olga Sehnalová, Mylène Troszczynski, Anneleen Van Bossuyt, Marco Zullo
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Lucy Anderson, Jussi Halla-aho, Kaja Kallas, Emma McClarkin, Jens Nilsson, Julia Reda, Adam Szejnfeld, Lambert van Nistelrooij, Josef Weidenholzer, Kerstin Westphal
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Andrea Bocskor, Roger Helmer, György Hölvényi, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Emilian Pavel